# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 4 ta' Gunju, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 340/01mm**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Saviour Attard**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u u tnejn u tletin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm532.86) rapprezentanti ammont in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 667350 (skond kif jirrizulta mill-anness 'statement'

Dok A) liema servizz gie nstallat fil-fond 22/3 triq il-Foss, Birgu, u dana skond ma kif jidher mill-annessi kopja ta’ ftehim markat Dok B.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-prezentata ta’ l-Avviz, ta’ l-ittra nterpellatorja datata 24 ta’ Jannar, 2001, u tat-taxxa fuq id-drittijiet u bl-imghaxijiet, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-28 ta’ Mejju, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.